# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 4.1

**Kapitlu 4: Ejja inkunu ħbieb tajbin!**

**Lezzjoni 4.1: Jien u l-ħbieb**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jitgħallmu li kulħadd jista' jkun ħabib.
2. Jitgħallmu li għalkemm għandhom ħbieb speċjali, jistgħu jgħinu u jilagħbu ma' kulħadd.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Ħames ittri tal-alfabett milli tuża l-għalliema biex tgħallem l-għarfien tal-ittri. (ħ,a,b,i,b).

- Il-kanzunetta "Int ħabib tiegħi" (ara **Niċċelebraw flimkien**).



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Qassam il-ħames ittri madwar il-klassi, fuq l-affarijiet. M'hemmx għalfejn taħbihom sew. Anzi jekk tħallihom jidhru ftit, tant aħjar.
- Introduċi l-lezzjoni billi tgħid lit-tfal: "Illum ser infittxu teżor."
- Aqsam it-tfal f'ħames gruppi, fejn kull grupp irid ifittex u jsib ittra waħda. M'hemmx rebbieħa fil-logħba. Meta kull ittra tinstab, l-għalliema twaħħal l-ittri mal-*board* imgerfxin – kif ikunu nstabu.
- Stieden lit-tfal jaħsbu liema kelma jistgħu jgħaqqdu b'dawn l-ittri. Jekk it-tfal isibuha iebsa biex jgħaqqdu kelma, l-għalliema tista' turihom biex tibda. Fl-aħħar meta jsiru jafu li l-kelma hija **ħabib** l-għalliema tgħid lit-tfal: "Min isib ħabiba jew ħabib tajjeb ikun sab l-aqwa teżor."
- Ikteb taħt il-kelma **ħabib** il-kelma **ħabiba** wkoll.



## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Għid lit-tfal: "Ejja nagħmlu **Dawra Durella**. Imma ser inkantawha differenti" It-tfal jifformaw dawra tonda (fil-klassi jew fil-bitħa).L-għalliema tkanta mat-tfal l-għanja **Int ħabib tiegħi** (ara **Niċċelebraw flimkien**) filwaqt li t-tfal iduru.
- Itlob lit-tfal isibu sieħeb jew sieħba. Jekk ikun hemm xi tfal li jibqgħu waħedhom, l-għalliema tgħinhom isibu sieħeb jew sieħba. Jekk in-numru tal-klassi jkun bil-fard, jista' jkun hemm tlitt itfal mseħbin flimkien, flok tnejn biss.



Importanti li l-għalliema turi u ttenni ħafna drabi: " Isa, ma nħallu lil ħadd barra!" Meta kulħadd ikollu sieħeb jew sieħba, t-tfal jerġgħu ikantaw l-għanja flimkien. Tista' talterna l-mod kif titkanta, darba mal-ħabib/a u darba dawra durella kollha flimkien. L-għalliema tgħidilhom: "Issa ħa nkantawha Dawra Durella kollha flimkien. Ħa nara kemm ser nagħmlu dawra kbira malajr!" jew "Issa ser inkantawha mal- ħabib/a biss. Sibu sieħeb malajr." Jekk ikunu jixtiequ, jistgħu jibdlu s-sieħeb. Ħafna tfal ta' din l-età ma jkollhomx ħabib wieħed biss speċjali.

- Spiċċa l-lezzjoni billi l-għalliema tgħid lit-tfal illi huwa tajjeb li jkollna ħabib jew ħabiba speċjali, imma aħna nkunu ħbieb ma' kulħadd. "Ejja ngħidu **Evviva l-ħbieb** flimkien."

**Nikbru flimkien - Il-punti saljenti tal-lezzjoni**

1. Jien għandi ħabib speċjali.
2. Jien nista' nkun ħabib ta' kulħadd.
3. Qatt ma nħalli lil xi ħadd barra mil-logħob.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**




Għandu jkolli ħbieb speċjali tal-qalb, imma ngħin, nitkellem u nilgħab ma' kulħadd.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

**Inkantaw ' Int ħabib tiegħi' fuq *'You are my Sunshine'***

Int ħabib tiegħi,

Jien ħabib tiegħek,

Mel'ejja nkunu ,

Għal dejjem ħbieb.

Għax jien inħobbok,

U inti tħobbni,

U qatt ma nweġġgħu

il-qalb ta' xulxin.



**Nitolbu**



Fl-aħħar tal-lezzjoni, hekk kif t-tfal ikunu forma ta' dawra, jgħaqqdu jdejhom flimkien u jgħidu mal-għalliema:

**Mulej, għinna biex inkunu dejjem ħbieb ta' xulxin.**

L-għalliema tistaqsi jekk hemmx xi tfal oħra li jixtiequ jitolbu xi ħaġa lil Alla.